MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 354/2002/1

**Raymond Gatt fil-kwalita tieghu ta' stralcarju tas-socjeta' Contintental Postform Ltd**

**Vs**

**Continental Design Co Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur nomine s-somma ta' elfejn u mitejn u wiehed u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm2291.75) rapprezentanti prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta minghand is-socjeta' Continental Postform Ltd.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 25 ta' Jannar 2000,u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru

mid-data tal-fattura relattiva, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 9 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Preliminarjament l-azzjoni hija perenta in forza ta l-Artikoli 2148 (b) u 2149(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Salvi eccezzjonijijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-eccezzjoni preliminari kif proposta l-ewwel artikolu citat jirreferi ghall-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija u oggetti mobili ohra mibjugha bl-imnut waqt li t-tieni artikolu citat jirriferi ghall-azzjonijiet in konnessjoni ma xogholijiet maghmlin mill-injam jew materja iehor ghall-prezz tal-istess xogholijiet esegwiti jew tal-materjal supplit. Fl-ewwel kaz, l-azzjoni hi preskritta b'perjodu ta' tmintax il-xahar waqt li fit-tieni wiehed, hi estinta ta' preskrizzjoni ta' sentejn.

Ikkunsidrat

Illi l-kaz in desamina jirreferi ghal prezz ta' materjal mibjugh u konsenjat mill-attur nomine lis-socjeta' konvenuta u mix-xhieda u dokumenti prodotti, irrisulta is-segwenti fatti:-.

a) Is-socjeta li f'isimha qed jagixxi l-attur nomine tinsab "in liquidation". Difatti l-istess attur nomine intavola din l-azzjoni "qua" stralcarju tal-istess socjeta.

b) Joseph Sammut (fol 17 u fol 18 tal-atti) spjega li hu kien jiehu hsieb l-"accounts" tal-istess socjeta li kienet timmanifattura "post-form" ossija sabiex jintuza fl-

ghamara. Difatti kienet tissupplixxi minn dan il-materjal lis-socjeta konvenuta, deskritta minnu bhala "klijenti tajbin". Eventwalment is-socjeta rapprezentata mill-attur nomine kienet marret "in liquidation" f'liema perjodu is-socjeta konvenuta kellha l-ammont pretiz fl-avviz, ghadu dovut ghar-raguni di gja premessa. In rigward dan, ix-xhud specifika li l-istess socjeta konvenuta kienet ghamlet l-ahhar pagament permezz ta' cheque esebit in atti a fol 15 u ammontanti ghal Lm400, liema cheque kien gie mahrug mill-istess socjeta konvenuta fid-29 ta' April 1998. L-istess xhud esebixxa statement (fol 19 u fol 20 tal-atti) li fuqu hemm murija l-pagamenti kollha li saru, bl-ahhar wiehed maghmul fid-data gja msemmija.

c) In atti giet esebita kopja informi ta' ittra ufficjali, accettata bhala "vera kopja tal-original" (ara fol 16 tal-atti). L-istess ittra ufficjali kienet presentata fil-15 ta' Jannar 2001, liema ittra ufficjali, pero', qatt ma giet notifikata lis-socjeta konvenuta (ara fol 22 ibid).

d) Marcel Pace Axiaq (fol 12 u fol 13 ibid) semma' li s-socjeta konvenuta kif rappresentata minnu bhala direttur, kienet tixtri minghand l-attur nomine "ucuh ta' kcejjen" u dwar dan specifika "Jekk niftakar sew, l-ahar li kont xtrajt affarijiet minghand is-socjeta attrici kien fil-bidu tan-1998" u ikkonferma li l-ahhar pagament li kien sar mis-socjeta konvenuta kien permezz tac-cheque msemmi mahrug fid-29 ta' April 1998.

Ikkunsidrat

Illi, mill-lat legali, olte l-artikoli gja citati, ghandha ssir referenza ghas-segwenti:-

i) l-artikolu 2128, 2129 u 2130 (2) tal-kodici Civili. Dawn, fil-qasir jistipulaw li l-perjodu ta' preskrizzjoni hu interrott u jerga jibda' jiddekorri mill-gdid, permezz ta' att gudizzjarju presentat mill-kreditur u notifikat lill-kontro parti almenu qabel ma jiskadi xahar mill-ahhar jum tal-perjodu ta' preskrizzjoni. Kif di gja, inghad l-ittra ufficjali msemmija qatt ma giet notifikata is-socjeta' konvenuta. Ghalhekk, dan l-att gudizzjarju qatt ma interrompa l-preskrizzjoni.

ii) L-artikolu 2134 ibid jistipula li hemm intenzjoni ta' preskrizzjoni meta jsir pagament akkont tal-bilanc ghadu dovut. F'dan il-kaz, l-ahhar pagament akkont kien sar permezz dejjem tac-'cheque" imsemmi, fuq datat.
iii) Tenut kont tal-materjal supplit f'dan il-kaz u l-materjal in esami jidher evidenti li l-preskrizzjoni applikabbli hi dik stipulata fl-artikolu 2149 ibid ossija dik ta' sentejn.

Ikkunsidrat

Illi jidher li bejn id-data tal-ahhar pagament u dik ta' meta giet intavolata din l-azzjoni,ddekorrew aktar minn sentejn.

Illi ghalhekk din l-azzjoni ghandha tigi konsiderata bhala estinta.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tilqa l-eccezzjoni kif sollevata mill-istess socjeta konvenuti, tiddikjara l-azzjoni in esami bhala preskritta u estinta. In rigward l-ispejjes, kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------